

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-14 ta' Diċembru 2009

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland

(BĊE/2009/26)

(2009/C 308/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni li għandha bħalissa s-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland intemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2008. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni għas-sena finanzjarja 2009;
- (3) Is-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland għażlet lil Deloitte & Touche bħala l-awdituri esterni għas-snin finanzjarji 2009 sal-2011,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat illi Deloitte & Touche jinħatru bħala l-awdituri esterni tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland għas-snin finanzjarji 2009 sal-2011.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-14 ta' Diċembru 2009.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET
